# "Jien" ta' Victor Fenech

*Mauro Camilleri u Clint Xuereb*
*Skola San Andrea*

## Nanalizzaw

- It-titlu "Jien'', flimkien mal-użu tal-**epanalessi** fil-bidu ta' kull strofa, huma indikazzjonijiet ċari li l-poeta biħsiebu jġiegħel lill-qarrej jieqaf u jirrifletti biex jifhem u jiskopri l-identità tiegħu. Fil-fatt quddiemna għandna **poeżija riflessiva**.

- Il-fatt li l-poeżija hija miktuba fl-ewwel persuna, b'mod partikolari l-enfasi fuq il-kelma ''jien'', awtomatikament jistieden lill-qarrej ifittex ukoll fl-identità kuntrastanti tiegħu. Dan iwassalna biex nifhmu li, għalkemm aħna persuna waħda, magħmulin ukoll minn diversi karatteristiċi li jafu jkunu wkoll kuntrastanti.

- Fl-ewwel ħames strofi, Fenech jaqbad mal-karatteristiċi li jsawru l-karattru tal-bniedem: l-idealiżmu, il-prattiċità, ir-romantiċiżmu, ir-realiżmu, ir-ribelljoni u l-kompromess. Permezz ta' dawn il-karatteristiċi kuntrastanti, Fenech jikxef il-karattru paradossali tal-bniedem. Għaldaqstant naraw l-idealist vs il-prattiku (strofa 1 vs strofa 2); ir-romantiku vs ir-realist (strofa 3 vs strofa 4); ir-ribell vs il-kompromessist (strofa 5). Dan il-kuntrast jilħaq il-qofol tiegħu bl-użu tal-**antiteżi** fil-ħames strofa: "*nibni u nfarrak,/ nemmen u niċħad,/ nobgħod u nħobb.*''

- L-użu tal-**epanalessi** "nemmen'' matul l-ewwel ħames strofi, jurina ċ-ċertezzi tal-poeta dwar il-karattru tal-bniedem, karattru li ssawwar permezz tal-esperjenzi personali li għadda minnhom. Madankollu, din iċ-ċertezza tintilef fl-aħħar żewġ strofi fejn jidħlu d-dubji ta' Fenech dwaru nnifsu. Ovvjament, l-iskop ta' Fenech huwa li dan id-dubju jitfgħu fuq il-qarrej. Jinsab bejn ħaltejn jekk huwiex individwu wieħed jew magħmul minn "*ħafna nies*''.Għaldaqstant jistaqsi l-**mistoqsija rettorika**, "*Jien . . . min jien*?'' biex jipprova jiskopri lilu nnifsu, il-"*jien*'' tiegħu.

Grupp Deċiżi

- Ta' min jinnota li, kieku l-aħħar strofa kienet l-ewwel waħda, id-dubji u l-inċertezzi tal-poeta, kienu jinbidlu f'ċertezzi dwar il-karattru tiegħu.

**<u>It-Temi</u>**: Id-dubju / L-inċertezza/It-tiftix għall-identità
L-awtoanaliżi

**<u>It-Teknika:</u>**

Poeżija awtobijografika u riflessiva.
L-użu tal-kuntrast.
L-użu tal-antiteżi
Ir-repetizzjoni tal-'jien' biex iġiegħel lill-qarrej jaħseb fuq nnifsu.
Ir-retiċenza/il-mistoqsija rettorika ġġiegħel lill-qarrej jaħseb u jirrifletti fuqu nnifsu.
L-aġġettivi fil-bidu ta' kull strofa jagħtuna stampa ċara tal-karatteristiċi tal-bniedem

**<u>L-Istil</u>**

Modern

**<u>Il-Metrika</u>**

Vers Ħieles
Bla Rima
Strofi Irregolari

**<u>It-Termini Letterarji</u>**

alliterazzjoni, antiteżi, asindeto, dublikazzjoni, epanalessi, metafora, mistoqsija rettorika, retiċenza.

Grupp Deċiżi

**Taħriġ**

1. Din hija poeżija **nostalġika** jew **riflessiva**? Għaliex taħseb hekk?
2. X'metrika qed iħaddem il-poeta f'din il-poeżija?
3. Xi stil għandha din il-poeżija? Kif taf?
4. X'inhi d-dilemma li għaddej minnha l-poeta? Ikkwota biex turi li l-poeta jinsab bejn ħaltejn.
5. Mill-poeżija islet **antiteżi**, **asindeto**, **dublikazzjoni**, **epanalessi**, **alliterazzjoni** u **retiċenza.**
6. Għaliex taħseb li Fenech jagħmel użu mill-**epanalessi?**
7. Liema kelma ripetuta matul il-poeżija taħseb li toħroġ iċ-ċertezza tal-poeta?
8. X'figura tat-taħdit insibu fil-frażi **"fit-toqol tal-ftehim''** u x'effett taħseb li jrid joħloq il-poeta biha?
9. X'effett tħalli l-mistoqsija rettorika li biha l-poeta jtemm il-poeżija?

Grupp Deċiżi